

32004R0672

L 105/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

14.4.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 672/2004

tat-13 ta' April 2004

għalbiex jiġu stabbiliti, għas-sena ta' marketing 2003/2004, l-ammonti li għandhom jitħallsu lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi taż-żejt taż-żebuga u assoċjazzjonijiet ta' l-istess rikonoxxuti taħt ir-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqqif ta' organizzazzjoni komuni għas-suq taż-żjut u x-xaħmijiet⁽¹⁾, u in partikolari l-Artikolu 20d(4) ta' l-istess,

billi:

- (1) L-Artikolu 20d⁽²⁾ tar-Regolament Nru 136/66/KEE jiddisponi li perċentwal mill-għajnuna għall-produzzjoni għandha tinżamm sabiex biha tingħata għajnuna finanzjarja għal xogħol ta' organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuti u assoċjazzjonijiet ta' l-istess. Għas-snin ta' *marketing* 1998/1999, 1999/2000, 2000/2001, 2001/2002, 2002/2003 u 2003/2004 din il-perċentwal hija ta' 0.8 %.
- (2) L-Artikolu 21(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2366/98 tat-30 ta' Ottubru 1998 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' sistema ta' għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebuga għas-snin ta' *marketing* 1998/1999, 1999/2000, 2000/2001, 2001/2002, 2002/2003 u 2003/2004 jiddisponi li l-ammonti li għandhom jitħallsu lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi u assoċjazzjonijiet ta' l-istess għandhom jiġu ffissati a bażi ta' tbassir tas-somma kollha li għandha tiġi hekk imqassma. Il-fondi li jkun għad-disposizzjoni ta'

kull Stat Membru bħala riżultat ta' l-ammont miżmum kif jingħad aktar 'il fuq għandhom jiġu mqassmin b'mod xieraq fost dawk eliġibbli għall-istess fondi.

- (3) Il-miżuri meħudin b'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taż-Żjut u x-Xaħmijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għas-sena ta' *marketing* 2003/04, l-ammonti msemminjati fl-Artikolu 21(1)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 2366/98 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

— għall-Greċja	EUR 2,0 u EUR 2,0 rispettivament,
— għal Spanja	EUR 4,5 u EUR 2,2 rispettivament,
— għal Franza	EUR 0,0 u EUR 0,0 rispettivament,
— għall-Italja	EUR 2,0 u EUR 2,2 rispettivament,
— għall-Portugall	EUR 0,0 u EUR 5,5 rispettivament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul Brussel, fit-13 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU C 172, tat-30.9.1966, pġ. 3025/66. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1513/2001 (ĠU L 201, tas-26.7.2001, pġ. 4).

⁽²⁾ ĠU L 293, tal-31.10.1998, pġ. 50. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1780/2003 (ĠU L 260, tal-11.10.2003, pġ. 6).